MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 143/2004

Kawza fil-lista: 41

**A B nee' C
vs
D E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici, A B nee C, kienet zzewget lill-konvenut D B, liema zwieg kien iccelebrat fil-21 ta' Dicembru tas-sena 1996, u minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed li jismu Jamie, li llum ghandu seba' snin.

Peress illi dan iz-zwieg huwa null skond il-provvedimenti tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress li l-attrici dahlet fiz-zwieg minhabba l-pressjoni u vjolenza morali li

kellha peress li kienet xebba u kienet spiccat tqila, meta hija kellha wiehed u ghoxrin sena.

Peress li l-kunsens tal-attrici kien eskluz minhabba kunsens taghha kien inkseb b'qerq dwar kwalita tal-konvenut, peress li huwa heba mill-attrici kwalitajiet essenzjali dwar il-personalita tieghu, meta heba minnha l-vizzji tieghu, li jfixklu serjament il-hajja mizzewga.

Peress illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Peress illi l-attrici ma tridx li tibqa' f'din is-sitwazzjoni ta' hajja fi zwieg null hija qed tipproponi dina l-kawza.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut il-ghaliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li z-zwieg tal-partijiet ccelebrat fil-Knisja Parrokkjali taz-Zejtun, fil-21 ta' Dicembru fl-1996,

1. Huwa null u bla effett u dana minhabba li l-kunsens tal-attrici kien inkiseb bi vjolenza morali u biza, bi ksur tal-artiklu 19(1)(a);

2. Huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-attrici kien vvizzjat peress li hija kienet imqarrqa dwar kwalitajiet tal-konvenut li fixxklu serjament il-hajja mizzewga, bi ksur tal-artiklu 19(1)(c);

3. Huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obligazzjonjiet taz-zwieg bi ksur tal-artiklu 19(1)(d).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut ikkuntrattat fil-21 ta' Dicembru 1996 huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [a][c] u [d] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255

F' dan l-istadju jgi osservat li l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u taghtiha affidament.

L-Artikolu 19[1][a] fl-ewwel parti tieghu jiddisponi li z-zwieg ikun null, "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijet essenzjali taghha .."

Mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi l-partijiet zzewwgu erba xhur wara li l-attrici kienet harget tqila mill-konvenut, u din kienet l-unika raguni ghaliex zzewwgu daqshekk malajr, meta, kif jirrizulta ampjament mill-provi l-konvenut, ma kienx ippreparat ghaz-zwieg. Il-komportament tieghu tul il-hames snin li dawn il-konjugi damu jghixu flimkien juri bic-car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens tieghu ghaz-zwieg huwa kien qed ibati minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u senjatament l-obbligazzjonijiet tieghu f'dan ir-rigward.

L-egoismu tieghu fil-konfront ta' l-attrici li spiccat terfa' l-piz kollu tal-hajja mizzewwga, l-indifferenza tieghu ghall-ilmenti gustifikati taghha, l-immaturita' tieghu li, nonostante li dahal fi stat ta' zwieg, ried ikompli jghix il-hajja tieghu ta' guvni u jfittex l-ommu minflok lill-attrici fejn ikollu bzonn, kwazi b' dispett lejn l-istess attrici, u l-fatt li

huwa kien ifittex lill-attrici, ossija juzaha, biss ghal bzonnijiet sesswali tieghu u xejn aktar u ghal bqija jibqa' insensittiv ghall-emozzjonijiet taghha, u in fine il-persistenza tieghu li jibqa' jabbuza mid-droga – dawn il-fatturi kollha, fil-kuntest taghhom f' dan il-kaz, jimmanifestaw da parti tal-konvenut nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar l-obbligazzjonijiet matrimonjali li huma bazati fuq l-unjoni diretta lejn konvivenza u hajja in komunjoni, il-prokreazzjoni tat-tfal u t-trobbija taghhom, kif ukoll il-ben essere reciproku u li ghandha bhala pressupost il-konoxxenza u l-volonta' da parti taz-zewg konjugi li dawn jghixu din il-hajja bhala familja.

Il-komportament tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici juri nuqqas lampanti ta' maturita' affettiva li timporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" *[Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza App.C. Raymond Theuma vs Carmen Theuma deciza 27 ta' Jannar 2006]*. F' dan ir-rigward il-konvenut kien manifestament lampanti.

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici tirrizulta gustifikata in bazi ghall-kontenut tal-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-Artikolu precitat, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha. Il-kawzalijiet l-ohra, in kwantu bazati fuq il-paragrafi [a] u [c] m' humiex sostnuti mill-provi.

Ghal dawn tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi fit-termini tal-Artikolu 19[1][a] tal-Kap.255 iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fil-21 ta' Dicembru 1996. L-ispejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------